MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**DEMICOLI AUDREY**

Seduta ta' 12 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 423/2002/1

**Avviz Numru 423/02 AJD**
**Sirap Limited**

**vs**

**Marlene Deguara**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm424.71) rappresentanti import ta' hdax il-kambjala debitament accettati u skaduti bejn it-8 ta' Marzu 2001 u t-8 ta' Jannar 2002 u mhux imhallsa.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Frar 2002, u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv  kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr.Veronica Aquilina in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm424.71), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**